# IL-ĠIFEN TORK

(*Jorbot ma' "Leħen il-Malti" għadd 133-136*)

L-ikbar tgħajjira kontra l-Malti hi dik illi bih ma tistax tfisser dak li tħoss il-qalb u li jaħseb il-moħħ. Sakemm nibqgħu fil-baxx kollox sew imma, igħidulna daw' ix-xi wħud, meta niġu biex nogħlew niġġarrfu, biex ngħid hekk. Issa biex tikteb epika u tirnexxilek, l-ilsien li tħaddem irid ikun tajjeb u jintlewa kif trid int; inkella tista' tħarbex u taqta' u tħassar u tbiddel versi għax kollu ta' xejn. F'epika jiġu waqtiet illi trid togħla u trid tagħti demm u ħajja ġdida lil dawk l-eroj tal-poema. Trid turi x'ħassew u x'ħasbu meta sabu rwieħhom fit-twegħir. Trid tnissel il-ħasra u l-ħniena f'qalb il-qarrej u f'moħħu trid iddaħħallu ħsibijiet għolja li jibqa' jiftakarhom sa ma jmut. Tkabbar fih imħabba għal artu (jekk tkun xi Epika Storika) u ġġiegħlu, biex ngħid hekk, iqiegħed kollox fuq l-artal tas-sagrifiċċju kull meta jkun jeħtieġ. Dawn il-karatteristiki tal-epika kollha insibuhom fil-poema "Il-Ġifen Tork" tal-Prof. Ġ. A. Vassallo. Il-poeta b'sengħa kbira rnexxielu jġib l-ilsien Malti, li bħala lsien letterarju kien għadu l-anqas biss twieled, għal dak kollu li titlob l-epika. Ħadd ma jista' jgħid wara li jaqra "Il-Ġifen Tork" li l-poeta ma rnexxilux jogħla fi ħsiebu, u jġiegħel iħobb, lil min qatt ma ħabb, lil art twelidu, u jżid l-imħabba ta' dak li jħobbha. Iġegħilna nqimu lil dawk li ġew qabilna għax huma kienu li ġarrbu minn kollox biex aħna ngħixu ħielsa u hienja f'darna. Sentimenti bħal dawn ma tistax issejħilhom baxxi; l-anqas ma ssibhom fil-kċina, imma fl-aqwa xogħlijiet letterarji ta' pajjiżi kbar, għonja u ħielsa.

Issa wara li rajna x'tiswa din il-poema ta' 696 vers, nifluha sewwa u naraw jekk dak li għedna hux minnu. L-ewwel naraw fuq fuq x'inhu is-suġġett; imbagħad niflu bir-reqqa kollha l-punti ewlenin tagħha u naraw kif il poeta jsebbaħ il-poeżija tiegħu u xi rqaqat oħra bħal dawn li għalkemm fihom infushom m'huma xejn, bihom il-poeżija u kull biċċa kitba oħra letterarja issir, fi kliem Milton, "*something that men will not willingly let die*"

Il-Professur Ġ. A. Vassallo silet is-suġġett minn ġrajja ta' żmien is-sultan Pintu. Fi żmien il-kavalieri ma kienx jista'

jiltaqa' Nisrani ma' Mislem li ma kienx jiġri d-demm, sew jekk ikunu fuq l-art sew jekk ikunu fuq il-baħar. Imsejken hu min kien jiġi minn taħt għax jew mewt jew jasar. Iġ-ġfien kienu jkunu mimlija b'dawn l-ilsiera biex bil-qdif iħeffu il-mixi. Fuq wieħed minn dawn iġ-ġfien torok, li kien għal qalb is-sultan, Mustafa III, kien hemm "xi sittin Malti u x'erbgħa barranija." Fl-1760 ir-Rajjes ta' dan il-ġifen kien ordnat mis-sultan biex jitlaq minn Stanbul u jerħilha lejn Metlin Xijo u Stanzò biex jiġbor il-ħaraġ. Qabel ma telqu sakkru l-ilsiera kollha taħt nett. Meta dawn l-imsejkna sabu irwieħhom waħed-hom ġihom ħsieb. Riedu "Darba għal-dejjem għall-egħdewwa jqumu". Ħabta u sabta hejjew kollox biex malli tiġi x-xoqqa f'moxtha iħebbu għat-Torok. Malli waslu Stanzò (Metlin u Xijo ma waqfux għax malajr ġabru l-ħaraġ), ir-Rajjes Xerin niżel l-art bi tlett mitt ruħ miegħu u li kien fadal fuq il-ġifen "bdew jitliegħbu ma' l-imjassra." Wara ftit l-irsiera qamu fuq tagħhom u qabdu fit-Torok. Id-demm xtered u l-Maltin ħarġu rebbieħa. Dawru l-ġifen u telqulha lejn arthom. Fit-triq batew fuq li batew. Wara għadd ta' xwieni biex jaq-bduhom u dawk li kien għad fadal ħajjin qamu fuq tagħhom. Wara li, bl-għajnuna t'Alla għelbu da' t-tfixkil kollu waslu Malta qawwijin u sħaħ.

Kif waslu raw kif għamlu biex itemmu l-wegħda li kellhom mal-Madonna tal-Mellieħa. L-għada fil-għodu kmieni kmieni meta "Il-qamar jiddi kien fl-ogħla sbuħija" telqu bil-mixi mill-Belt għal Mellieħa mgħobbija bil-ktajjen u ħafna bċejjeċ tal-ħadid, biex "il-wegħda mqaddsa" jħollu. Ħadd ma jista' jfisser il-ferħ tal-Maltin meta dawn raw quddiem wiċċhom hienja u ħielsa 'il xi ftit minn ħuthom imjassra fuq ix-xwieni torok. U mhux ta' b'xejn għax dawn l-ilsiera għamlu waħda li qatt ħadd ma ħolomha f'mitt sena.

Din hi l-ġrajja li nsibu fil-"Ġifen Tork". Il-poeta għażel din biex juri illi l-Maltin mhux tliet episodi biss għandhom fl-istorja tagħhom, li jġibu l-għira 'l barranin. Barra mill-1427, 1565, 1799, hemm snin oħra x'niftakru li għalkemm ftit insem-muhom ma jagħmlux għajb lil dawn it-tlitt kwiekeb sbieħ li jiddu fis-sema ta' l-Istorja ta' Malta.

Din il-poema hi magħmula minn 116 il-strofa b'sitt versi l-waħda b'rima ABABĊĊ. Hi mqassma fi tliet taqsimiet ew-lenin: "Il-Ftehima u l-Għaqda" it-tieni "It-Taqtigħa u l-Ħarba" wit-tielet "Il-Wegħda".

L-ewwel taqsima nistgħu nqisuha tnejn oħra żgħar bi tlett strofi oħra li m'humiex għajr daħla tal-poeżija. F'dawn it-tlett strofi l-poeta jgħidilna x'jixtieq u l-għaliex se' jikteb dawn il-versi. Il-poeta jibda:

"Nixtieq li kieku ħadd ma jibqa' rieqed
Fuq xi ħwejjeġ li ġraw fiż-żmien li għadda"

Iżid jikteb biex juri l-qlubija ta' Missirijietna:

"Qalbenin dejjem aħna! u biex nurikom
Jekk hux tassew, ħaġa għall-issa nfakkar
Ħaġa li b'għaġeb kbir, nifhem timlikom,
Fil-waqt li jien bil-ħeġġa nħossni msakkar.
Li nuri għad li ħilti wisq hi żgħira
Li dejjem il-Maltin kellhom qalb kbira."

Wara din id-daqsxejn ta' daħla il-poeta jgħaddi biex jid-deskrivi l-ġifen Tork. L-ewwel ma jsemmi l-qagħda tal-qaddiefa u mhux il-ġmiel. Dan nistgħu ngħidu li għamlu għal żewġ ħwejjeġ: l-ewwel biex mill-aktar fis isemmi l-ilsiera Maltin maħqura f'dan il ġifen; u mbagħad biex ma nagħmewx fuq il-ġmiel, il-kobor, u l-qawwa ta' din ix-xini. Il-ġifen kien wieħed milt-aħjar, jekk mhux l-aħjar wieħed, li kellu s-Sultan Tork. Saħansitra lil dan il-ġifen

"Rajjes fuq iġ-ġfien is-Sultan lilu għolla"

Fi ftit kliem meqjus u magħżul il-poeta jikxef l-irqaqat kollha tal-ġifen. F'versejn biss jurina l-qilla ta' din ix-xini:

"Minn tmienja u sebgħin ħalq tan-nar iriegħed
Kull fejn irid it-Tork juri ħruxitu."

Biex id-deskrizjoni ma tkun nieqsa minn xejn u kif tmur, il-poeta jgħaddi biex jgħid taħt min kien. X'kien jaħseb, x'irid ir-Rajjes.

"Wiċċu wiċċ ix-xitan"

u kien

"aħrax f'għamilu",

jgħid il-poeta, u

"Għadu maħluf ta' kull ma hu nisrani
Għalhekk wisq is-Sultan kien iħobb lilu
Meta dan kien irid iħenni 'l qalbu
Jaqbad nisrani u ma salib isallbu."

(*Jissokta*)

K. Sant.